# KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 41 / 2013

Data u hin

Il-Laqgha Nru 41/2013 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret il-Gimgha, 8 ta' Frar 2013 fis-6.00pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sur Justin John Camilleri | Sindku Isla |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Joseph Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Carmelo Bugeja | V/Sindku M'Xlokk |
| Il-Perit Roderick Spiteri | Sindku Paola |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Valletta
Sindku Marsa
Sindku M'Scala

**Assenti :**
Sindku Fgura
Sindku Xghajra

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.30pn

41.1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 40/2013 mizmuma fit-8 ta' Jannar 2013 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv

## 41.2 Korrispondenza

Saret komunikazzjoni mal-Kunsilli Regjonali dwar Training courses organizzati minn Lead Training Services;
Tqassmet ukoll korrispondenza minn MEPA dwar *Management Planning and Implementation of Communication Measures for Terrestrial Natura 2000 Sites in the Maltese Islands.*
Tqassmet korrispondenza mibghuta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienet ser torganizza meeting ta' nformazzjoni dwar Youth in Action 2013 Funding (LCA Cirk 6/2013).

## 41.3 Punti Mqajjma

### 41.3.1 LES

#### 41.3.1.1 Hlas ghall-uzu ta' vetturi minn Sterling Security Ltd

Hlas ghal Uzu ta' Vetturi Sterling Security Ltd

Dwar it-talba li kienet saret minn Sterling Security Ltd dwar hlas ghall-uzu tal-vetturi fl-24 t' April 2012, liema talba kienet giet diskussa fuq livell Regjonali fil-Laqgha Amministrattiva tat-23 ta' Mejjuu 2012, izda din it-talba qatt ma giet approvat mir-Regjun.
Kompla jsir stharrig dan setax isir jew le, ghalhekk giet miflija Memo 78/2011 – Sistema ta' Infurzar – Kuntratti – tas-26 t' Awissu 2011 li tghid li l-kuntratti tal-LES jibqghu validi sakemm eventwalment jidhlu fis-sehh flokhom kuntratti godda.
Il-kuntratt il-gdid ghadu mhux in vigore u dan assolutament mhux tort tar-Regjun. Il-fatt li Sterling Security baqghu joffru servizz ifisser li huma accettaw it-tigdid tal-kuntratti in toto.
Ittiehed ukoll parir legali dwar setghax isir *transitional agreement* bejn it-tender li ghadu *in vigore* u dak li ghad irid jigi ffirmat, izda l-parir li nghata kien li dan ma kienx legalment possibbli.
Dawk kollha prezenti unanimament qabblu li ghar-ragunijiet hawn fuq imemmija m' ghandux isir il-hlas ghal uzu tal-vetturi la ghadu mhux iffirmat it-tender il-gdid.
Ghandha ssir komunikazzjoni fuq dan mal-kumpanija Sterling Security Limited.

## 41.4 Affarijiet Finanzjarji

### 41.4.1 *Financial Statements* 2012 u Q4

Financial Statements

Prezenti ghal din il-Laqgha kien hemm l-Accountant tar-Regjun, is-Sur Ramon Cutajar minn MAZARS li preżenta r-Rendikonti Finanzjarji 2012 kif ukoll il-Quarterly Financial Statement (Q4) lill-membri tal-Kumitat Reġjonali. L-accountant spjega l-komponenti varji ta "Income statement", "Balance Sheet" u Cashflow statement.
Dettalji kienu elaborati fuq :-
1. l-ammont ta' citazjonijiet li gew aggudikati favur ir Regjun u li ittiehdet provizjoni ghal dawk li jistghu ma jithalsux, bbazata fuq statistika mahruga min Datatrak.
2. L-ammont riċevibbli rikonoxxut fil-Balance Sheet, inkluża spjegazzjoni tan-nota riċevibbli fil – financial statements fejn dawn huma maqsuma bejn tipi differenti ta' ammonti dovuti lir Regjun.
3. L-ammont pagabbli rikonoxxut fil-Balance Sheet.
4. Ammonti dovuti lil kredituri li kienu dovuti bħala fi tmiem l-2012.

### 41.4.2 Budget 2013

Budget 2013

Il-*Budget* 2013 kien ippreżentat ukoll. Din kienet ibbażata fuq iċ-ċifri ta' 2012, peress li dan kien l-ewwel sena sħiħa ta 'operat ta' l-LES taħt il-kontroll tal-Kumitat Reġjonali. Il-baġit jinkludi ċifri riveduti għall-ħlasijiet Datatrak abbażi tal-kuntratt il-ġdid, spejjes ta' Gwardjani Lokali skond l-iskedi riveduti u l-miżati tal-kiri ġodda. Kien enfasizzat li l-ammont rikonoxxut bħala pendenti bħala riċevibbli kif kienu fl- aħħar tal-2012 (madwar € 400K) ghandom eventwalment jghaddu lil-Kumitat Reġjonali kif kontravenzjoni fl-2013 (ghax suppost jithallsu), biex b'hekk titjieb is-sitwazzjoni likwida tal-Kumitat Reġjonali.

41.4.3 **Hlasijiet** Hlasijiet

Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*.

41.4.4 Ingibdet l-attenzjoni li l-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex u ta' Hal-Safi ddepozitaw ammonti li ma kienux dovuti lil dan ir-Regjun u ghalhekk dawk kollha prezenti qabblu li dawn il-flus jergghu inghataw lura lil dawn l-istess Kunsilli. Depoziti mhux

**41.4.4** **Sitwazzjoni Finanzjarja** Sitwazzjoni Finanzjarja

Ir-Regjun zamm laqgha mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tar-Regjun li ghaliha kien hemm prezenti wkoll l-Accountant tar-Regjun. Gew diskussi l-ammonti sostanzjali li huma dovuti lil Sterling Security Ltd, Aurelia Enforcement Ltd u Datatrak. Gie suggerit li r-Regjun jaghmel talba ghal self pero ta' min jiftakar li madwar sena ilu ir-Regjun kien pro-attiv u kien talab lid-Dipartiment sabiex jisellef somma b' termini u kundizzjonijiet biex jirkupra temporanjament mis-sitwazzjoni finanzjarja ta' dak iz-zmien. Dakinhar id-Direttur kien ukoll issugerixxa li ghandha ssir talba formali ghal dik ir-rikjesta li fil-fatt saret u mietet hemm. Kien ikun ferm ahjar li kieku l-Gvern jghati allokazzjoni lir-Regjun.

## 41.5 <u>Affarijiet Ohra</u>

41.5.1 **Rizenja tas-Segretarju Ezekuttiv** Rizenja Seg Ezek

Fis-27 ta' Jannar 2013, is-Segretarju Ezekuttiv issotomettit ir-rizenja taghha lid-Direttur (DLG) u lill-Kumitat Regjonali. L-ahhar gurnata tax-xoghol taghha ser tkun it-28 ta' Frar 2013.

Fit-30 ta' Jannar 2013 saret korrispondenza mas-Sindki sabiex isir hatra ta' Agent Segretarju Ezekuttiv (skond DLG 28/2011 – Linji Gwida ghall-Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv – Artiklu 3.3) mill-aktar fis sabiex jintrebah il-hin qabel ma din setghet tigi diskussa f' din il-Laqgha Regjonali. Is-Sindki kollha, sal-1 ta' Frar 2013, permezz ta' posta eletronika approvaw li ghandu jinhatar Agent Segretarju Ezekutti. Ghalhekk gie nfurmat id-Direttur (DLG), li minn naha tieghu, fit-8 ta' Frar 2013, informa r-Regjun li setghu jinnominaw kull Segretarju Ezekuttiv mill-Kunsilli u r-Regjuni, kif ukoll intbaghatet il-lista tal-pool – sal-lum pero il-Kumitat Regjonali ghadu m' ghazel lil hadd.

41.5.2 **Tender for the Provision Prosecutor Services (Zejtun Tribunal)** Tender Prosekutur

Gie prezentat ir-rapport finali tat-Tender ghall-Prosekutur fit-Tribunal taz-Zejtun. Gie rakkomondat li dan jinghata lil Dr Steven Farrugia Sacco peress li offra servizz bi prezz aktar vantagjuz minn Dr Noel Cutajar. L-offerta ta' Dr Marc Sant ma komplietx tigi kunsidrata peress li sar mgharuf li dan kien sejjer jikkontesta bhala kandidat fl-elezzjoni generali ta' Marzu 2013. Dawk kollha prezenti qabblu unanimament mar-rakomandazzjoni tal-Bord tal-Agudikazzjoni.

41.5.3 **Kwotazzjonijiet** Kwotazzjonijiet

Gew prezentati kwotazzjonijet ghal xiri ta' Airconditioner ghat-Tribunal taz-Zejtun kif ukoll ghall-ghamara ghall-ufficju Regjonali.

Il-Kwotazzjoinijiet ghall- Airconditioner kienu gew iccorkolati permezz ta' posta elettronika sabiex dan l-apparat setgha jinxtara mill-aktar fis minhabba l-kesha li kien hemm fl-awla tat-Tribunal. Mill-feedback li rcieva r-Regjun il-maggoranza assoluta ghazlu l-kwotazzjoni ta' JP Airconditioning li kienet l-orhos. Airconditioner Tribunal Zejtun

Fir-rigward ghall-kwotazzjoni l-ohra, dik ghal zewg units bl-ixkaffi, gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet; De Valier Co Ltd li kkwota ghall-unit wiehed biss waqt li Quality Postform Ltd ta' kwotazjonijiet ghaz-zewg units. Gie meqjus kollox inkluz il-prezzijiet, it-tip tal-hgieg u Shelving Units

s-sokor.Dawk prezenti unanimament qabblu li l-ahjar kwotazzjoni kienet dik ta' Quality Postform Ltd.

41.5.4 **Korrispondenza mibghuta mit-Tribunal tal-Belt**

Il-President prezenta kopja ta' korrispondenza li ghaddietlu persuna li giet imharrka fir-Regjun u li turi nuqqasijiet gravi li jezistu fit-Tribunal tal-Belt. Il-korrispondenza iffirmata mir-Registratur tat-Tribunal tal-Belt, ma ntbaghtitx fuq letter-head ufficjali u miktuba totalment bl-idejn. F' din il-korrispondenza, ir-Registratur talbet li l-komunikazzjoni lura kellha tintbaghat f' numru 31 Triq Nofsinhar, Valletta li hu l-indirizz tal-Kunsill Loakli tal-Belt. Lejn l-ahhar ta' din l-ittra hemm indikat biex din il-persuna ccempel lir-Registratur fuq telefon cellulari li jappartjeni personalment lill-istess Registratur. Dawk prezenti unanimament qabblu li din il-korrispondenza ghandha tigi ghall-attenzjoni tad-Dipartiment kif ukoll tas-Sur Maurice Caruana, Chairperson tal-LES Steering Committee.

## 41.6 <u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>

Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fid-8.45pm.
Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2013 fis-6.00pm, fil-boardroom tal-Kumitat Regjonali Xlokk.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia**<br>**President** | **M' Lourdes Lautier**<br>**Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum , ta' 2013.